# Parroċċa San Lawrenz

## Il-Ħadd huwa l-ħajja tan-nisrani!

tel. 21556073-21550816; mob. 99832376; email. slawrenzparish@onvol.net

## Il-Festa tal-Magħmudija tal-Mulej



Wara żmien ta' tħejjija permezz tal-Avvent Mqaddes, fejn il-Knisja stednitna biex nishru permezz tal-eżerċizzi u tat-talb aktar mis-soltu... u wara li aħna bħala parroċċa lqajna l-istedina u ltqajna kull filgħodu biex kantajna s-Salmi... u wara li weġibna għas-sejħa aktar qawwija biex inħejju ruħna għat-tifkira tat-twelid tiegħu permezz tan-novena... u wara li lkoll kemm aħna konna mistiedna mill-istess Ommna l-Knisja Mqaddsa biex niċċelebraw is-solennità tat-twelid tiegħu u tal-festi l-oħra marbuta ma' din il-ġrajja, il-Knisja ttemm dawn il-festi tal-Milied bil-festa tal-Magħmudija tal-Mulej fix-xmara Ġordan minn Ġwanni l-Battista.

Il-Knisja tagħlaq dan iż-żmien b'din il-festa biex tfakkarna li issa li lqajna u ltqajna ma' Kristu, aħna mistiedna biex ngħixu l-Magħmudija tagħna. Aħna mistiedna biex nikbru u nimmaturaw fil-ħajja spiritwali tagħna. Xi tfisser tgħix il-Magħmudija tiegħek? Tgħix il-Magħmudija jfisser li int imsejjaħ biex tisma' dejjem aktar il-Kelma t'Alla, tersaq aktar ta' spiss lejn is-sagramenti b'mod speċjali dak tal-qrar u tat-tqarbin. U b'dawn l-għajnuniet wieħed jasal biex ikun tassew xhud ta' Kristu fid-dinja. Barra minn dan, wieħed jikber aktar fil-qdusija, l-iskop li għalih kull nisrani qed jgħix. Isir xbiha vera ta' Kristu fid-dinja, tant li jista' jgħid bħal San Pawl: *Mhux jien qed ngħix, iżda Kristu qed jgħix ġo fija.*

## Għeluq tal-Kwaranturi

Illum il-Ħadd, fit-3.30pm, ikollna l-konċelebrazzjoni tal-għeluq tal-kwaranturi. Inħeġġeġ lil kull membru tal-komunità parrokkjali sabiex ikun preżenti kemm għall-quddiesa kif ukoll għall-purċissjoni. Il-fratelli u t-terzjarji huma mistiedna biex ikunu preżenti għall-quddiesa bl-ilbies tagħhom.

Inħeġġeġ biex fit-toroq minn fejn tgħaddi l-purċissjoni ma nipparkjawx karozzi b'sens ta' rispett lejn Ġesù Ewkaristija. Inħeġġu lin-nies ta' dawk it-toroq minn fejn tgħaddi l-purċissjoni sabiex iżejnu t-twieqi bi twapet ħomor u qsari.

## Wara l-Waqfa tal-Milied...

...din il-ġimgħa nibdew il-laqgħat. Appell lil kulħadd biex jattendi f'xi għaqda jew grupp biex jitgħallem fuq Ġesù. Appell lill-ġenituri biex ma jonqsux li jibgħatu lil uliedhom għad-duttrina. Nistieden lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ kollha biex jagħmlu kull mezz u jattendu għal-laqgħat tagħhom. Il-koppji kollha, b'mod partikulari dawk li qed irabbu, jiftakru fid-dmir tagħhom li għandhom bżonn jkunu jafu x'irid Ġesù minn għandhom permezz tat-tagħlim. Jeħtieġ li lkoll kemm aħna niftakru li t-tagħlim tal-prinċipji ta' Kristu u tal-Vanġelu tiegħu huma l-aqwa investiment li wieħed jista' jagħmel f'ħajtu.

## Il-Quddiesa ta' Filgħaxija

Minn għada t-Tnejn, il-quddiesa ta' filgħaxija se terġa' tibda toħroġ fis-6.00pm. Fil-5.30pm ikollna r-rużarju. Inħeġġeġ lil kulħadd biex insibu ħin għall-quddies kuljum.

### Għall-Ġenituri tat-Tfal tad-Duttrina

Nhar l-Erbgħa 12 ta' Jannar ser issir laqgħa importanti ħafna għall-ġenituri kollha tat-tfal fejn ser jingħatawlhom xi avviżi u informazzjoni oħra konnessa ma' uliedhom. **Huwa importanti ħafna li jattendu fil-ħin u possibilment il-missier u l-omm flimkien**. Il-laqgħa se ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-7.00pm. Inħeġġu lill-ġenituri sabiex jattendu.

## Festa ta' San Anton



Nhar il-Ħamis li ġej, 13 ta' Jannar, minflok il-laqgħa li s-soltu jagħmel il-kappillan lit-tfal tad-duttrina, ser immorru fil-Knisja ta' San Anton Abbati, ix-Xagħra, fl-okkażjoni tal-festa tiegħu. **It-tfal kollha minn *Year 2* sa *Form 1* huma obbligati li jattendu**. It-tfal ser ikunu akkumpanjati mill-katekisti. Tkun ħaġa sabiħa jekk il-ġenituri jiġu wkoll. Nitilqu bix-xarabank mill-pjazza fil-4.45pm. Fil-5.00pm ikollna quddiesa u fis-6.00pm inkunu lura d-dar. Jekk hemm xi nies oħra jixtieqa jiġu magħna, imorru jinkitbu fl-Uffiċċju Parokkjali sa nhar l-Erbgħa. Il-ħlas huwa ta' 50c it-tfal u €1 l-kbar.

## Matul din il-Ġimgħa nitolbu:

**Il-Ħadd 9 ta' Jannar**
KONĊELEBRAZZJONI TAL-KWARANTURI (LEG 91): GĦAL RUĦ CARMELO U ANNUNZIATA MERCIECA

**It-Tnejn 10 ta' Jannar**
Erwieħ tal-familja Pawlu u Marija Galea
Għal ruħ Luigi u Mananni Vella
ANNIVERSARJU: ERWIEĦ MONS.ĠUŻEPP, MIKELANĠ U CARMELA PISCOPO

**It-Tlieta 11 ta' Jannar**
Għal ruħ Ġuljana Grima
Għal ruħ Luigi u Mananni Vella
ANNIVERSARJU
GĦAL RUĦ LUIGI U MANANNI VELLA

**L-Erbgħa 12 ta' Jannar**
Għal ruħ Nażżarenu Cauchi (L 76)
Erwieħ Mons.Ġużepp, M'Anġ, Carmela Piscopo
Għal ruħ Rożaria Grech

**Il-Ħamis 13 ta' Jannar**
Għal ruħ Carmelo u Marija Grima
Għal ruħ Joe Cauchi
Għal ruħ Mikelanġ u Tereża Cassar

**Il-Ġimgħa 14 ta' Jannar**
Għal ruħ Mikelanġ u Marija Caruana (L 114)
Għal ruħ Molly Agius
Għal ruħ Injazja Cassar

**Is-Sibt 15 ta' Jannar**
Għal ruħ Wenzu u Ġolina Formosa
Għal ruħ Lynette Caruana
ANNIVERSARJU
GĦAL RUĦ JOE BALDACCHINO